TAL-PIETA`

MINUTI

Id-disa' Legislatura - SEDUTA Nru. 14

L-Erbgha, 6 ta' Awwissu, 2025

Il-Kunsill Lokali ta' Tal-Pieta` ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 11, Il-Pellikan, Triq K. Mifsud, Tal-Pieta` fil-5.00 p.m.

PREZENTI

Kienu prezenti s-Sindku Stefano Savo, il-Vici Sindku Saviour Azzopardi, u l-Kunsillieri, Josef Fitzpatrick, Charles Grech u Mark Pisani.

Il-Kunsillier Bowman informa li kien ma jiflahx filwaqt li l-Kunsillier Douglas Tanti informa li kien indispost. Ghalhekk gew skuzati.

TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

1. MINUTI

1.1 Il-minuti tas-Seduta Nru. 13 li saret nhar l-Erbgha, 2 ta' Lulju, 2025, kienu approvati.

2. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

2.1 Il-Kunsillier Colin Bowman informa li kien ma jiflahx u l-Kunsillier Douglas Tanti informa li kien indispost. Ghalhekk gew skuzati.

3 HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

3.1 Ma kienx hemm Hwejjeg li Jirrizultaw mill-Minuti.

4 QUARTERLY FINANCIAL REPORT JAN-GUN 2025

4.1 Tressaq quddiem il-Kunsill, il-Quarterly Financial Report ghal perjodu Jannar-Gunju 2025 (Appendici A). Is-Segretarju Ezekuttiv ta spjega ta' dan ir-rapport u informa li n-net current asset position tal-Kunsill hija wahda tajba ta' €94,729 u li hija 24% tal-allokazzjoni tal-Gvern.

4.2 Wara diskussjoni li saret, il-Kunsill unanimament approva dan ir-rapport.

5 JUM IL-LOKALITA`

5.1 Is-Sindku informa li l-attivita` ta' Jum il-Lokalita` kienet ser issir fit-13 ta' Settembru fic-Centru Parrokjali jew fuq iz-Zuntier tal-Knisja. Ser issir quddiesa ta' ringrazzjament u wara, banda zghira ser tkun qed tassisti il-kxif tal-Via Sacra hdejn il-Knisja. Kienet ix-xewqa tal-Kappillan li din tinkixef f'Jum Tal-Pieta`. Ser ikun hemm xi diskorsi u jinghata Gieh Tal-Pieta` u t-trofew Esmond Klimeck mill-Kappillan. Il-Kunsill ser ikun qed jaghti wkoll tifkira lil club tal-football Pieta Hotspurs FC ghar-rebh ta' l-ewwel Challenge Cup fl-istagun li ghadda. Wara ser ikun hemm bibita kif ukoll tittella play qasira mit-tfal li qed jattendu l-lezzjonijiet tad-drama.

6 EMENDA FIL-BYE-LAW DWAR IT-TLAJJAR FIT-TOROQ

6.1 Is-Sindku qal li kien qed jircievi hafna lmenti mir-residenti dwar tlajjar ta' persuni f'diversi zoni tal-lokal. Il-Kunsill diga ghandu bye-law dwar dan izda din ma tlahhaqx il-lokal kollu. Ghalhekk ippropona li tigi emendata din il-bye-law u b'hekk tkun estiza ghal-lokalita` kollha. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Kien hemm qbil ukoll li l-Kunsill ghandu jirrevedi l-multi imposti minn din il-bye-law.

7 KORRISPONDENZA

7.1 Tressqet quddiem il-Kunsill, il-proposta permezz ta' PA/04992/25 sabiex isir zvilupp ta' Guest House ta' seba' sulari fi Triq Santa Monika. Is-Sindku fakkar li diġà kien hemm applikazzjoni ohra simili fl-istess triq li iżda giet rifjutata u bhalissa hemm appell fuqha. Huwa jahseb li abbażi tad-decizjoni li kien ha l-Kunsill fuq l-applikazzjoni l-ohra, il-Kunsill ghandu jimxi l-istess fuq din u cioe` li huwa kontra dan l-izvilupp. Dan ukoll in vista tat-talba tal-Kunsill lill-Awtorita` tal-Ippjanar sabiex tiżdied l-UCA fi Triq Santa Monika. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

8 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

8.1 **Villa Gwardamanga**: Is-Sindku nforma li hu u s-Segretarju Ezekuttiv kienu ltaqghu ma' Heritage Malta dwar il-*concerns* li kellhom ir-residenti tal-akwata dwar il-cafeteria li huwa propost li jsir bhala parti mir-restawr tal-istess Villa. Heritage Malta spjegaw x'ser ikun qieghed isir fosthom li ser ikun hemm kċina atrezzata minhabba l- cafeteria li ser ikun hemm. Ser ikun hemm ukoll ftit imwejjed zghar fil-gnien. Gie spjegat li minhabba l-kompozizzjoni tal-gnien, m'hemmx fejn isiru hafna mwejjed kif kienu qed jahsbu r-residenti. Fis-sular ta' fuq tal-Villa ser isir mużew. Il-progett ghandu madwar tliet snin biex jitlesta u se jiswa aktar minn ghaxar miljun euro. Bhala avvenimenti, fil-Villa jistghu isiru biss xi dinners li ma jkunux aktar minn ghoxrin ruh.

8.2 **Tindif tal-Promenade**: Is-Sindku qal li l-promenade kien qed jithalla mahmug hafna. Il-Cleansing inaddfu dan, darba fil-gimgha u l-Kunsill talabhom sabiex tiżdied il-frekwenza tat-tindif, b'mod partikolari fix-xhur tas-Sajf.

8.3 **Supretendent gdid**: Is-Sindku informa li ser ikun qieghed jiltaqa' mas-Supretendent gdid fuq dan id-Distrett. U ghalhekk talab lill-Kunsilliera jekk hemm xi problemi li ghandhom jitressqu ghall-attenzjoni tieghu. Il-Kunsillier Fitzpatrick semma l-problema tad-Detox fil-lokal u l-problemi kollha li jġib mieghu filwaqt li l-Kunsillier Pisani semma l-htiega ta' aktar infurzar u sigurtà` ingenerali. Is-Sindku ha nota ta' dawn u ser imexxihom waqt il-laqgha.

8.4 **Waterproofing tal-bejt tal-Kunsill**: Is-Segretarju Ezekuttiv informa li kien hemm bżonn jinqala' il-membrane eżistenti tal-bejt tal-Kunsill u jsir waterproofing gdid ghax kienet qed issir ukoll hsara lil min ghandu l-appogg mal-Kunsill. Kien hemm qbil unanimu li jsir dan ix-xoghol.

9 MISTOQSIJIET

9.1 Il-Kunsillier Grech irrimarka li l-kuntratturi ghandhom inaddfu wara li jkunu lesti mix-xoghol kif ukoll tinġibed l-attenzjoni tal-cafeteria ta' Pjazza San Luqa sabiex il-post jinżamm nadif.

10 APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS*

10.1 Is-Sindku ssekondat mill-Vici Sindku, ressaq mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 13. Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con.*

11. TMIEM

11.1 Fis-6.30pm intemmet is-Seduta. Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar l-Erbgha, 3 ta' Settembru, 2025, fil-5.00pm.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

Konfermati:

Stefano Savo
Sindku